MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru. 683/2001

Il-Pulizija
(Spettur Paul Camilleri)
Vs
Nicolina Portelli

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli fis-7 ta' Novembru 2001 ghall-habta ta' xi 7.45a.m. gewwa l-Marsa attakkat jew ghemlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Maria Grech, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qeghda tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Maria Grech u Anthony Joseph Briffa, persuni inkarigati skond il-Ligi

minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunat offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmija Maria Grech skond kif iccertifika Dr J. Abela MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volonarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qalet lill-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur tal-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebbet kontra l-persuna ta’ Maria Grech sabiex tingurjaha, iddqejjaqha jew taghmilha hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbottat lil imsemmija Maria Grech sabiex twegggha jew tinsulentaha u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Maria Grech u Anthony Joseph Briffa u tapplika l-provvidementi tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata twiegeb li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu, 2006.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti li fis-7 ta' Novembru, 2001ghall-habta tad-disgha ta' filghodu Maria Grech kienet irrappurtat lill-pulizja fil-kapacita taghha ta' facilitator fl-iskola San Guzepp Haddiem, Marsa illi ghall-habta ta' xit-tmienja neqsin kwart ta' filghodu waqt li kienet diehla l-iskola kienet giet attakkata mill-imputata u kienet sofriet xi griehi. Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija irrizulta illi l-imputata imblokkat l-entratura ghall-iskola lil Maria Grech, qaltilha illi riedet tkellimha, Maria Grech qaltilha li riedet tipparkja l-karozza u biex jitkellmu b'mod civili, izda l-imputata fethitilha l-bieba tal-karozza u qabdet issawwatha, hatfitha minn xagharha u li ma kienx ghall-intervent ta' certu Joseph Briffa l-incident kien ikompli. L-imputata tkellmet ukoll b'mod oxxen u insulentat lil dan Joseph Briffa. Maria Grech kienet ukoll ezaminata minn tabib u irrizulta li kienet qeghda issofri minn griehi ta' natura hafifa. Irrizulta ukoll illi meta l-imputata giet arrestata mill-pulizija hija ammettiet l-incident, qalet illi ghandha tlett itfal, ma tahdimx u ma tirregistrax, izda tghix bir-relief. L-imputata spjegat lill-pulizija illi hija kellha argument mal-facilitator ta binha Kurt Grech ghaliex il-facilitator ma kienitx qeghda tohrog lit-tifel fil-break. L-imputata spjegat lill-pulizija illi meta marret biex tkellem lil facilitator li kienet fil-karozza taghha din nizlitilha idejha u irrifjutat li tkellimha.

Illi irrizulta wkoll mill-provi illi kienet ittiehdet decizjoni fl-iskola sabiex Maria Grech u s-Sur Briffa jiehu lit-tifel ta' l-imputata l-polyclinic u hemm hekk qalulhom illi t-tifel ghandu ringworm f'rasu u li l-kondizzjoni setghet tittiehed u ghalhekk ittiehdet decizzjoni biex lit-tifel ihalluh fil-klassi, izda ma jhallux lit-tfal l-ohrajn jersqu lejh. It-tifel kien jinzamm fl-ahhar tal-klassi. It-tifel kienu qalulu li t-tfal l-ohrajn ma setghux jersqu lejh u ma kienux jafu ghal kemm zmien it-tifel kellu jibqa wahdu b'dan il-mod fil-klassi.

Meta gara l-incident in kwistjoni kien ghadda kwazi xahar minn meta it-tifel kien ghadu qieghed jinzamm wahdu fil-klassi b’dan il-mod.

Illi Maria Grech kompliet tixhed illi ma kienitx taf illi kondizzjoni li biha kien ibaghti t-tifel ma kienitx wahda li wiehed setgha jittiehed minnha. Hija baqghet issostni illi meta hadu lit-tifel il-polyclinic kellmu lil Dr Ceci li tahom struzzjonijiet verbalment fis-sens illi t-tifel kellu jinzamm fil-klassi wahdu u li t-tfal ma jersqux lejh u dana Dr Ceci skond ix-xhud taw dawn l-istruzzjonijiet minghajr lanqas biss ma ra lit-tifel.

Illi gie esebit certifikat mediku fis-sens illi Kurt Grech, iben l-imputata kien qieghed isofri mill-kundizzjoni li ma kienitx wahda infettiva u setgha jattendi l-iskola.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha issib lill-istess imputata hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 95, 96, 221 (1), 338 (dd), 338 (bb), 342, 339 (1) (d), , 383 u 17, kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-finijiet ta’ piena il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta, ikkooperat matul l-investigazzjoni kollha, fil-fatt irrilaxxjat stqarrija li fiha ammettiet dak kollu li kienet ghamlet, kif ukoll il-fatt illi l-omm ghandha zewgt itfal ohrajn u ghalhekk ma jkunx ta’ beneficcju ghal dawn it-tfal illi ommhom tintbaghat il-habs. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-imputata agixxiet taht emozzjoni qawwija u dana peress illi binha ittiehed il-polyklinika minghajr ma kienet mgharrfa u minghajr ma lanqas biss ezaminah tabib u dan it-tabib ghogbu jordna li binha jinzamm appartat wahdu fil-klassi, ma johrogx jilghab mat-tfal l-ohrajn matul il-break u meta jkun fil-klassi ipoggi wara nett u it-tfal ma jistghux jersqu lejh u lanqas hu ma jista jersaq lejn it-tfal.

Illi tabilhaqq dan l-agir fil-konfront ta’ dan it-tifel ta’ l-imputata ma kienx wiehed mixtieq u lanqas desiderabbli,

specjalment in vista tal-fatt illi tabib ta ordnijiet drastici bhala dawn minghajr ma lanqas biss indenja ruhu jezamina lit-tifel u kien ghalhekk illi l-imputata waslet sabiex hassitha urtata ferm u ghamlet dak illi ghamlet illi certament ma kienx xi agir skuzabbli.  Ghalhekk wara li l-Qorti qieset dawn ic-cirkostanzi kollha tara li jkun ferm aktar xieraq kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputata tinghata l-ahhar opportunita sabiex tirriforma hajjitha u filwaqt illi tikkundannaha ghal multa ta’ LM 300, qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Finalment il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti torbot lill-hatja b’obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta’ multa ta’ mitt lira ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mil-lum billi b’xi mod timmolesta aktar lil Maria Grech u jew lil Anthony Joseph Briffa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------